MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 856/1994/2

**Mary armla ta' Kristinu Abela f'isimha proprju u bhala legittima rappresentanti ta' uliedha minuri Beverly Marie ta' erba' snin u Christian ta' tliet snin u wlied l-istess Kristinu Abela.**

**vs**

**Godwin Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Sea Malta Company Limited" u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 1994 gie kjamat in kawza Paul Abela in rapprezentanza tal-Ghaqda tal-Ko-Operattiva tal-Burdnara (1987) Ltd. u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2007 l-atti gew trasfuzi f'isem John Abela u Dr. Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-kumpanija Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Gunju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` fejn gie premess:-

Illi fit-12 ta' Lulju 1992 giet importata f'Malta fuq il-Bastiment MV u Ritscher kwantita` ta' hgieg (tliet *packages window glass*) taht *Bill of Lading* numru 200 minn Antwerp;

Illi l-konvenut *nomine* nkariga lill-Ghaqda Koperattiva tal-Burdnara (1987) Ltd. biex tiehu hsieb il-hatt ta' l-imsemmi merkanzija, liema Ghaqda da parti taghha nkarigat fost ohrajn lil burdnar Kristinu Abela biex jesegwixxi l-imsemmi xoghol;

Illi fl-14 ta' Lulju 1992, l-imsemmi Kristinu Abela safa imwegga' gravament u sussegwentement fit-8 ta' Ottubru 1992 miet l-isptar b'konsegwenza tal-griehi li garrab fl-istess incident;

Illi l-atturi huma l-armla u l-eredi ta' Kristinu Abela li miet fit-8 ta' Ottubru 1992;

Illi dan l-incident gara minhabba negligenza, traskuragini u nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti da parti tal-konvenut *nomine* kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-`

1. Jigi dikjarat minn din l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih tilef hajtu l-imsemmi Kristinu Abela u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-istess incident;

2. M'ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement ma ghandux il-konvenut *nomine* jigi kundannat ihallas lill-atturi *in linea* ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici *pro et nomine* a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 1994.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Godwin Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited datata 17 ta' Awissu 1994 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi huwa bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghall-incident, f'liema ncident tilef hajtu Kristinu Abela u ghandhom jigu kjamati in kawza l-Ghaqda Ko-operattiva tal-Burdnara Limited billi r-responsabbilta` ghal dak li gara fl-incident inkwistjoni kienet taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Godwin Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited a fol. 9 u 10 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Godwin Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited datat 25 ta' Ottubru 1994 (fol.13) fejn l-esponenti talab li c-citazzjoni fl-ismijiet premessi tigi notifikata fuq il-kjamat fil-kawza fil-persuni ta' Godwin Abela in rapprezentanza tal-Ghaqda Ko-operattiva tal-Burdnara Limited; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` laqghet it-talba, u dan b'digriet moghti fis-26 ta' Ottubru 1994 kif jidher a fol. 14 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Godwin Scerri *nomine* datata 18 ta' Novembru 1994 a fol. 16 tal-process fejn l-esponent talab li ssir korrezzjoni fis-sens li kull fejn jirrikorri fic-citazzjoni l-

isem Godwin Abela jigi sostitwit bl-isem Paul Abela; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba, dan bid-digriet taghha moghti fis-6 ta' Jannar 1995.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` datati 21 ta' Ottubru 1994, 25 ta' Novembru 1994, 3 ta' Frar 1995, 28 ta' April 1995, u tat-28 ta' Gunju 1995 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Audrey Demicoli ghall-attrici prezenti fl-Awla u deher Paul Abela, il-kjamat fil-kawza. Deher Profs. Ian Refalo ghall-konvenut *nomine* u gie nominat bhala Perit Legali Dr. Simon Micallef Stafrace suggerit mill-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Frar 1996 ghar-rapport; u tal-21 ta' Frar 1996.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Paul Abela ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ghaqda tal-Burdnara (1987) Limited datata 15 ta' Mejju 1995 a fol. 27 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort ta' l-eccipjenti izda b'tort unikament tal-konvenut Godwin Scerri *nomine* kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kjamat in kawza Paul Abela *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo datati 18 ta' Gunju 1996, 26 ta' Novembru 1996, 22 ta' April 1997, 10 ta' Ottubru 1997, 9 ta' Frar 1998, u ta' l-1 ta' Lulju 1998 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-1 ta' Frar 1999.

Rat ir-rikors ta' Mary Abela *proprio et nomine* datat 31 ta' Jannar 1997 (fol. 47) fejn talbet lill-Qorti joghgobha

tawtorizza tipproduci lil Alfred Sant Fournier bhala xhud espert *ex parte* fil-kawza odjerna u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni li timponi; u l-Qorti kif diversament presjeuta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo, fin-nuqqas ta’ risposta min-naha tal-kontro-parti laqghet it-talba u awtorizzat il-produzzjoni tax-xhud mitlub, dan b’digriet moghti fil-25 ta’ Frar 1997 (fol. 49).

Rat l-avviz tal-Qorti hekk presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn il-kawza kellha tinstema quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati l-1 u 19 ta’ Frar 1999, 4 ta’ Mejju 1999, 5 ta’ Lulju 1999, 15 ta’ Ottubru 1999, 20 ta’ Jannar 2000, 4 ta’ April 2000, 11 ta’ Lulju 2000, 21 ta’ Novembru 2000, 23 ta’ Frar 2001, 22 ta’ Gunju 2001, 17 ta’ Ottubru 2001, 8 ta’ Frar 2002, u tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Ottubru 2002 biex tinstema’ minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Dr. Anton Depasquale.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale fejn il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Dicembru 2002 biex tinstema’ quddiem Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Simon Micallef Stafrace datat 2 ta’ Dicembru 2002 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 (fol. 99 sa 123).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-istess Perit Legali nkluz ix-xhieda kollha prodotta u d-dokumenti esebiti quddiemu, u dan kollox kif jidher esebit a fol. 124 sa fol. 212 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut Godwin Scerri *nomine* datata 5 ta’ Dicembru 2002 fejn talab il-hatra ta’ periti perizjuri (fol. 212).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 5 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr. Simon Micallef Stafrace halef ir-rapport, tal-15 ta’ Jannar 2003, 4 ta’ Frar 2003, 26 ta’ Frar 2003, u tat-13 ta’ Marzu 2003 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Simon Tortell u Dr. Joe Zammit McKeon ghas-socjeta’ konvenuta Sea Malta Ltd. Il-Qorti, bi qbil tal-partijiet innominat bhala periti addizzjonali lil Dr. Louis Cassar Pullicino, Alfred Aquilina u Noel Ellul a spejjez tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Ltd u ordnat komunika ta’ din in-nomina lil dawn il-persuni. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Ottubru 2003 ghar-rapport addizzjonali.

Rat ir-rikors ta’ Dottor Louis Cassar Pullicino datat 5 ta’ Settembru 2003 (fol. 218) fejn l-esponent talab li jigi sostitwit l-imsemmi Alfred Aquilina bhala wiehed mill-periti addizzjonali.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited datata 13 ta’ Jannar 2004 li permezz taghha ipproponiet lil Anton Naudi bhala perit addizzjonali in sostituzzjoni ta’ Alfred Aquilina.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta’ Ottubru 2003, 14 ta’ Jannar 2004, 4 ta’ Frar 2004, 22 ta’ April 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghall-konvenuti. Il-Qorti ssostitwiet lill-espert Alfred Aquilina bil-perit addizzjonali Anton Naudi. Il-kawza giet differita ghar-rapport addizzjonali ghall-5 ta’ Ottubru 2004.

Rat in-nota ta’ Sea Malta Company Limited datata 14 ta’ Mejju 2004 a fol. 224 tal-process.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 3 ta’ Novembru 2004 a fol. 227 li biha *ai termini* tal-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2004 issuggerew in-nomina tas-Sur Joseph Piccinino bhala perit addizzjonali minnflok is-Sur Anton Naudi li talab li jigi ezonerat mill-inkarigu u liema nkarigu

gie sussegwentement revokat b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta' Ottubru 2004 u tat-12 ta' Novembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, Dr. Simon Tortell ghall-atturi u Dr. George Hyzler ghall-uhud mill-konvenuti. Dehret l-attrici. Il-Qorti b' referenza ghan-nota kongunta ssostitwiet in-nomina tal-espert Anton Naudi bl-espert Joseph Piccinino bhala wiehed mill-esperti addizzjonali. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' Jannar 2005 ghar-rapport addizzjonali; u tas-26 ta' Jannar 2005, 29 ta' April 2005, 22 ta' Gunju 2005, 14 ta' Ottubru 2005, 2 ta' Novembru 2005 u tal-25 ta' Novembru 2005 fejn il-Qorti giet informata li l-esperti teknici ma waslux ghall-konkluzjoni komuni dwar il-materja teknika u ghalhekk gie verbalizzat li jkun opportun u ordnat li z-zewgt esperti teknici jipprezentaw rapport separat bil-konkluzjonijiet taghhom dwar l-aspett tekniku sas-seduta li jmiss u fejn il-Qorti awtorizzat li l-istess jahilfu r-rapport fir-registru b'mod li t-terminu kontemplat fl-**artikolu 677 tal-Kap 12** jibda jiddekorri mis-seduta wara l-pubblikazzjoni tar-rapport u l-kawza giet differita ghall-10 ta' Jannar ghar-rapport.

Rat in-nota tal-Perit Addizzjonali Dottor Louis Cassar Pullicino datata 20 ta' Jannar 2006 a fol. 244 tal-process li permezz taghha pprezenta r-rapporti ta' l-esperti teknici Noel Ellul u Joseph Piccinino liema rapport gie mahluf *seduta stante* fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2006.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-10 ta' Jannar 2006, u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif presjeduta datati 19 ta' Jannar 2006, 3 ta' Mejju 2006, 27 ta' Gunju 2006, 2 ta' Novembru 2006, fejn il-partijiet talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet, u tat-2 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2008.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited datata 29 ta’ Dicembru 2006 a fol. 262 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Mary Abela *et* datata 28 ta’ Frar 2007 a fol. 271 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ John Abela u l-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-kumpanija Sea Malta Company Limited fejn talbu li l-atti jigu trasfuzi fl-ismijiet ta’ John Abela u l-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-kumpanija Sea Malta Company Limited, u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet datat 11 ta’ Lulju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza dwar incident li sehh fl-14 ta’ Lulju 2002 meta kellu jinhatt *groupage container* bin-numru ITLU 524379/1 tas-socjeta’ konvenuta Sea Malta Company Limited li stivat fih *kellu* fost ohrajn tlett kaxxi kbar tal-hgieg li kienu mpoggija mal-genb tan-naha xellugija tal-istess kif wiehed jiftah il-contanier, b’mod vertikali jew weqfin, u mizmuma f’posthom jew *“propped”* permezz ta’ tlett serrattizzi li kienu mpoggija orizzontalment f’angolu ta’ 90 degree mill-genb tal-kaxex mill-parti ta’ fuq dritt lejn il-hajt tal-*container* tan-naha l-ohra, kif jidher ukoll indikat fid-Dok. “AM” (fol. 140).

Illi jirrizulta li l-istess socjeta’ konvenuta Sea Malta Co. Limited inkarigat lill-ko-operattiva kjamata fil-kawza bhala kuntrattur taghha sabiex thott l-istess *container*, u l-ko-operattiva min-naha taghha nkarigat lil adetti taghha

Joseph Bellizzi u lill-konvenut sabiex ihottu l-istess *container* u Salvu Cassar bhala *lifter*. Jirrizulta li waqt li l-istess konvenut kien qed ihott il-*container*, faqqa serrattiz li kien qed izomm kaxxa minnhom u l-istess kaxex waqghu fuq Kristinu Abela b'konsegwenzi li eventwalment irrizultaw bhala fatali.

Illi din il-Qorti thoss li x-xhieda prodotti mill-attur kollha indikaw li tali tip ta' merkanzija mhux is-soltu li tigi stivata f'*container* maghluq kif gara fil-kaz in ezami izda *f'open top container.* F'dan il-kuntest hemm ix-xhieda ta' Edward Mercieca li sostna li normalment il-hgieg jigi f'*open container* u jkun stivat qisu "V" ta' taht fuq – meta ingarr f'*container* il-hgieg kien izghar minn dak mertu tal-kawza odjerna, tant li kull kaxxa kienet tizen tunnellata u kwart. L-istess xhieda giet moghtija minn Joe Bellizzi li xehed li qatt ma ra hgieg ippakkjat b'dan il-mod fi *groupage container*, tant li addirittura xehed li qatt ma ra hgieg fi *groupage container"*, u li s-soltu l-hgieg jigi *"open-top container"* u *"full load".*

Illi din ix-xhieda tinsab ikkorroborata minn Pierre Cauchi li huwa ufficjal tad-Dwana li wara li kkonferma l-mod kif l-istess kaxex ta' hgieg kienu stivati sostna bl-iktar mod kategoriku li:-

*"Nista' nghid illi fl-esperjenza tieghi l-hgieg ikun full-load container u dan ikun "open-top/soft top"*

*"Hgieg "loaded' f'container bhal fil-kaz in kwistjoni qatt ma rajt. Ikun normalment "open top' u jigi "lifted".*

Illi dwar dan hemm il-konferma ta' Alfred Sant Fournier li gie prodott mill-atturi bhala xhud *ex parte* li kkonferma:-

"*'Fiz-zmien li domt jien naghmel xoghol ta' stuffing/destuffing ta' containers qatt ma rajt "glass panes" go kaxxi tal-injam gewwa "closed container" cioe' mhux "open-top container".*

*"Glass Panes" jitqeghdu f'open top container billi tkun iktar facli sabiex tpoggieh fil-container u jkun hemm "easy access" biex tohorgu".*

Illi fir-rapport tieghu esebit bhala Dok. "ASF" a fol. 133 tal-process sostna illi:-

*"It is pertinent to note that it is not the practice to stow glass panes packed in wooden boxes of that weight and measurement in a closed container. This would not only allow visual inspection prior to unstuffy but also the use of the proper mechanical handling equipment for its stuffing and unstuffy. A consignment of glass similar to this consignment stowed in this fashion would be exposed to damage"*

Illi mhux hekk biss izda Raymond Farrugia li huwa *tally clerk* tas-Sea Malta sostna li *'fit-tmien snin li hdimt ix-xatt mas-Seamalta l-aktar li rajt hgieg hekk stivat kien darba biss. Darba, darbtejn gie wkoll open top. Qed nitkellem dwar groupage container biss ghal dak kien xoghli. Il-hgieg kien ta' tip fin".*

Illi fil-fatt l-unika xhud li ta versjoni differenti ghal dawn kollha kien dak ta' Arthur Manders impjegat mas-Sea Malta li qal li xoghol ta' dak it-tip gie stivat bil-mod indikat kif suppost u dan skond il-ktieb Thomas Stowage Third Edition 1995 (Dok. "AM1" sa Dok. "AM 2" – Dok. "AM4" u Dok. "AM5") izda huwa sintomatiku li waqt il-kontro-ezami tieghu l-istess xhud prodott mis-socjeta' konvenuta stess sostna li:-

*"Ma nafx dwar kazijiet ohra fejn hgieg gie f'container maghluq"*

Illi kien proprju abbazi ta' din ix-xhieda kollha li l-abbli Perit Legali kkonkluda li rrizulta li mill-esperjenza tax-xhieda kollha prodotta li tali tip ta' hgieg bhal dak in kwistjoni kellu jingarr *in open top container* u dan sabiex l-istess merkanzija tkun facilment identifikata u normalment tali tip ta' merkanzija, iktar u iktar tad-daqs u toqol indikat f'din il-kawza ma tigix migjuba fi *groupage container* u dan

peress li hekk effettivament jinholoq perikolu ghall-persuni li kienu ser ihottu l-istess merkanzija, u dan iktar u iktar meta fil-fatt l-istess Kristinu Abela certament ma kienx jaf bit-toqol ta' l-istess merkanzija.

Illi huwa veru li wiehed mill-Perit Perizjuri u cjoe' Noel Ellul jidher li ghandu opinjoni differenti, pero' apparti li l-istess rapport tieghu huwa newtrallizat bir-rapport tal-perit perizjuri l-iehor Joseph Pullicino, din il-Qorti thoss li r-rapport ta' l-istess Noel Ellul lanqas huwa konvincenti, mhux biss ghaliex kontradett kif fuq inghad, u wkoll ghaliex ma tax kaz tax-xhieda kollha prodotta quddiem il-perit legali dwar il-mod kif l-istess xhieda kkonfermaw kif normalment tingarr l-istess merkanzija ta' hgieg ta' dak id-daqs u toqol izda wkoll ghaliex jasal ghall-asserzzjonijiet li ma humiex sorretti mill-provi.

Illi hekk per ezempju jghid li huwa normali li merkanzija ta' hgieg ta' dak l-ammont tigi mportata Malta fi *groupage container*, u dan meta x-xhieda kollha f'din il-kawza xehdu li ma huwiex normali li dan isehh, u fost l-istess xhieda hemm dawk ta' ufficjali tad-Dwana u impjegati tas-Sea Malta Co. Ltd stess, apparti x-xhud *ex parte* hawn gja kwotat.

Illi l-istess Noel Ellul isostni wkoll li huwa normali li ammont zghir ta' hgieg jitghabba gewwa *container* maghluq – meta fil-fatt din ma kenitx konsenja zghira ta' hgieg tant li kienet tikkonsisti f'tunnellata u kwart kull kaxxa – u kien hemm tlett kaxxi minnhom li hadu spazzju konsiderevoli fl-istess *container* u certament ma jistax jinghad li dan kien ammont zghir ta' merkanzija. Dan apparti li l-istess merkanzija setghet gie facilment tigi stivata f'*container* ta' 20 pied.

Illi l-istess indikat espert sostna li kien hemm ma' sitt serrattizi li kienu qed izommu l-istess kaxex milli jiccaqqalqu, izda l-maggoranza tax-xhieda kollha sostnew li kien hemm inqas serrattizzi minn hekk, u l-istess perit tekniku ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex proprju wiehed mis-serrattizi u anke forsi izjed minn dawk li kienu qed izommu l-kaxex wieqfa u f'posthom inkiser bil-

konsegwenza li l-istess kaxxa waqghet ghal fuq il-konvenut; huwa ovvju f’dawn ic-cirkostanzi li l-istess serrattizz jew serrattizzi ma kienux ta’ sahha bizzejjed sabiex jirresistu ghall-piz ta’ l-istess kaxex, ghaliex fuq kollox l-iskop taghhom kien li l-istess merkanzija mhux biss ma ticcaqlaqx waqt it-tragitt fuq il-bahar, izda wkoll li l-istess ikun ta’ sahha bizzejjed sabiex izommu l-istess merkanzija sakemm din tinhatt mill-istess *trailer.*

Illi r-riferenza ghax-xhieda li saret mill-istess espert Noel Ellul ghat-*tallyclerk* (apparti li din il-persuna ssemmi bhala fatt li kien hemm biss erba’ seratizzi li kienu qed izommu l-istess merkanzija), fejn isostni li dan jghid li huwa kien jaf li l-istess merkanzija kienet tikkonsisti fi hgieg, izda min-naha l-ohra mkien mix-xhieda tal-istess Raymond Farrugia ma inghad minnu  li huwa nforma lill-istess *decuius* jew lill shabu li tali merkanzija kienet tikkonsisti fi hgieg, u dan huwa iktar sinifikanti meta din il-Qorti tinnota li skond ix-xhieda ta’ l-istess *tallyclerk* huwa lanqas biss jiftakar jekk kienx hemm xi marki partikolari fuq il-kaxex stess li juru li kien hemm hgieg. Fil-fatt ix-xoghol tat-*tallyclerk* kien biss li jindika l-mod f’liema stat inhattet il-merkanzija u ma jirrizultax li huwa xehed li b’xi mod ikkomunika mad-*decujus* jew shabu sabiex jinformahom dwar il-kontenut tal-istess merkanzija u dan certament li huwa l-kaz meta wiehed ihares lejn ix-xhieda tieghu.

Illi fil-fatt Joe Bellizzi li kien qed jahdem mal-konvenut sostna li meta nfetah il-*container* ma kienux jafu li l-kaxex kien fihom hgieg u minhabba li dan kien *groupage container* lanqas stennew li kien ser ikun hemm hgieg. Mix-xhieda ta’ Edward Mercieca jirrizulta li dan huwa kkonfermat ghaliex xehed li huma ma kellhom ebda indikazzjoni tal-piz u l-kontenut tal-kaxex u kien biss wara li sar l-incident u ra tliet kaxxi maqlubin fuq l-attur, li l-imsemmi Raymond Farrugia qalilhom li l-kaxex kien fihom hgieg.

Illi fuq kollox l-istess opinjoni ta’ Noel Ellul hija kontradetta minn dik ta’ l-espert l-iehor Joseph G. Pullicino li kkonferma dak li sostnew kwazi x-xhieda kollha f’din il-kawza, inkluz l-espert *ex parte* u cjoe’ li  (1) hgieg ma

ghandux preferibbilment jingarr flimkien ma' merkanzija sfuza; (2) li l-istess kaxxi setghu facilment qaghdu *f'container* ta' 20 pied, u allura kellu jigi utilizzat *container* ghalihom; (3) il-*container* kellu jkun *open top* kif indikat mid-dokumenti esebiti mal-istess rapport tas-27 ta' Gunju 2006.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess rapport a fol. 251 tal-process fejn jidher ukoll li l-istess kaxex lanqas gew stivati sew u hemm ukoll spjegazzjoni ghaliex dan kien il-kaz, tant li jidher li gie konkluz li s-serratizzi li kien hemm ma kienux bizzejjed sabiex izommu l-kaxex sodi sakemm jinhattu u f'dan is-sens hemm riferenza mhux biss ghal lilqugh u protezzjoni kontra skossi u vibrazzjoni matul il-vjagg, izda wkoll ghas-sodezza tal-merkanzija.

Illi jirrizulta wkoll li fi kwalunkwe kaz u anke mill-istess rapport tal-perit tekniku Pullicino li l-istivar ma sarx sew, u dan peress li anke kieku jigi koncess ghall-grazzja tal-argument li l-istess merkanzija *de quo* kienet qed tingarr sew bhala metodu, izda certament f'dan il-kaz dan ma sarx skond kif titlob is-sengha u dan peress li s-serratizzi li kienu utillizzati sabiex izommu l-istess kaxex wieqfa ma kienux b'sahhithom bizzejjed sabiex izommu l-istess kaxex f'dik il-posizzjoni, tant li dan wassal sabiex almenu wahda minnhom zgur inqassmet u bil-konsegwenza li tali kaxxa jew kaxex, li kull wahda kienet tizen 'il fuq minn tunnellata, taqa' fuq l-istess *decujus* bil-konsegwenza fatali li jirrizultaw f'din il-kawza.

Illi din hija mhux biss il-konkluzjoni tal-perit legali, izda wkoll tal-perit tekniku Joseph G. Pullicino fejn qal li z-zewg jew it-tliet serratizzi ma kienux tip ta' l-qugh bizzejjed sabiex jaghmlu tajjeb ghall-moviment tal-*container* u kien ghalhekk li kien ikun ahjar kieku ntuza *container open top* sabiex qabel ma jitnehhew is-serratizzi l-kaxxi tal-hgieg kienu jigu mbragati u l-piz jittiehed mill-*crane*. Illi dan fil-gran parti tieghu huwa kkonfermat u allura kkorroborat mix-xhieda u rapport tal-espert *ex parte* Alfred Sant Fournier, li tenut kont tal-esperjenza li ghandu, u *in vista* tax-xhieda tieghu kategorika fuq dan l-aspett tekniku,

thoss li ghandha twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali necessarju f'dawn il-kawzi, sabiex jinghad li l-istess atturi ppruvaw fil-grad rikjest mil-ligi r-responsabbilita' tal-istess socjeta' Sea Malta Co. Limited ghall-mewt ta' Kristinu Abela.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-kawza ta' l-incident soffert mid-*decujus* kien il-metodu mhux adattat li operat is-socjeta' konvenuta sabiex stivat l-istess hgieg fi *groupage container*, u fi *closed container* minflok wiehed b'*open top,* b'dan li minhabba kif hekk stivat dan holoq periklu ghall-hatt tal-istess merkanzija, tant li l-istess waslet sabiex din ikkawzat il-mewt tad-*decujus*; mhux hekk biss izda certament li l-mezzi utilizzati f'dan il-metodu ma kienux idoneji tant li almenu serratizzi li kien qed iservi ta' lqugh inqasam bil-konsegwenza li l-kaxex waqghu fuq Kristinu Abela u kkagunaw dan il-kaz fatali – kaz li gie kkawzat minhabba n-negligenza ta' l-istess socjeta' Sea Malta Co. Limited li kienet responsabbli ghall-istivar ta' l-istess *container*, u b'hekk hemm in-ness ta' kazwalita' bejn l-agir tal-istess socjeta' konvenuta kif premess u l-mewt ta' l-imsemmi Kristinu Abela, ghal liema mewt l-istess socjeta' qed tinzamm responsabbli.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma thossx li l-kjamata fil-kawza kienet responsabbli ghall-istess mewt ta' Kristinu Abela, u dan peress li dak li kkawza l-mewt kien il-mod negligenti u rresponsabbli ta' kif l-istess hgieg gie stivat bil-mod indikat fi *groupage container* u mhux f'*container* riservat ghall-istess tip ta' merkanzija biss, (li fiha nfisha hija perikoluza, iktar u iktar minhabba l-kobor u t-toqol taghha f'dan il-kaz), u peress li tali merkanzija sabiex jitnaqqas jew jigi eliminat tali periklu, kellha tigi stivata f'*open top container* – u dan apparti li l-mezzi uzati fil-metodu attwalment adoperat mill-istess socjeta' konvenut kien ta' periklu u ma kienx wiehed addattat tant li wiehed mis-serratizzi li kienu qed iservu ta' support inqassam bil-konsegwenza li l-merkanzija waqghet ghal fuq l-istess attur.

Illi dwar il-likwidazzjoni ta' danni jinghad li fuq l-iskorta tas-sentenzi l-aktar ricenti f'dak li huwa *lucrum cessans* din il-

Qorti taghmel riferenza proprju ghall-imsemmi **artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*“(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gib direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ‘l quddiem minhabba l-inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita’ mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”*

Illi issa tenut kont ta’ dan l-**artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta’ diskrezzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b’mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **“Michael Butler vs Peter Christopher Heard”** (A.C. 22 ta’ Dicembru 1967) li pero’ giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza “**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**” (A.C 16 ta’ Novembru 1983) *“ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero’ llum bis-sentenza **“Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine”** (App. 26 ta’ Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f’**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta’ komputazzjoni aktar gusta, pero’ dan ma jfissirx illi “*Il-Qorti ghandha jew tista’*

*tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghal-likwidazzjoni rreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited**" - P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) u **"Francis Meilaq et vs Brian Bonnici"** (A.C. – 27 ta' Frar 2003).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1 ta' Marzu 1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea"** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (P.A. (N.A.) 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et**" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi f'kaz ta' mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza

fl-ismijiet **“Anthony Turner et vs Francis Agius”** (A.C. 28 ta’ Novembru 2003) fejn inghad:-

*“Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f’kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f’sitwazzjoni fejn si tratta ta’ mewt ta’ kap ta’ familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta’ membru iehor ta’ familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f’dan il-kaz taddotta linja ta’ kalkolu differenti ghal fini ta’ kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta’ kazi simili”.*

Illi l-istess jinghad fil-kawza fl-ismijiet **“Mario Mizzi et vs Paul Genovese et”** (A.C. – 3 ta’ Marzu 2006) fejn inghad illi:-

“A skans ta’ ripetizzjoni ghalhekk, qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali **(Anthony Turner et vs Frances Agius et)** ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha pjenament u dan ifisser li l-quantum tad-danni f’din il-kawza wkoll irid jigi ridott sostanzjalment………………..” u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li sostniet u affermat l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell f’dik is-sentenza kemm rigward multiplier li ghandu jinhadem fuq medda ta’ hajja lavorattiva, il-grad ta’ dipendenza bejn il-vittma u l-atturi u mbaghad issir riduzzjoni ta’ dak li huwa msejjah bhala “self consumption” u fl-ahhar nett issir riduzzjoni ghal dak imsejjah bhala lump sum payment, tenut kont kemm ikunu hadu zmien il-proceduri in ezami.

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta’ hajja ta’ dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurisprudenza l-aktar ricenti nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **“Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et”** (P.A. (TM) – 28 ta’ April 2005) inkluzi dik ta’ **“Micallef St. John vs Spiteri et”** (A.C. 15 ta’ Jannar 2002) u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti, nkluz dwar multiplier b’riferenza ghall-kawzi

**“Saviour Sammut et vs Robert Demanuele”** (P.A (GV) - 12 ta’ Lulju 2002) u **“Yvonne Cassone proprio et nomine vs Alfred Calamatta et”** (P.A. (TM) – 7 ta’ Lulju 2004) u **“Amabile Azzpardi vs Anthony Xuereb”** (P.A. (DS) 14 ta’ Jannar 2004) u b’dan li s-somma li tirrizulta wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti, fis-sens li din il-Qorti ser timxi fuq l-ammont ta’ introjtu ndikat fid-data ta’ l-incident ta’ €6995.11 (Lm3,003), liema somma ghandha tigi awmentata b’dak imsejjah bhala multiplicand ghall-ammont ta’ €10,482.18 Lm4,500, tenut kont anke ta’ dak indikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi li bejn is-sena 1992 sas-sena 2006 kien hemm awment fl-index of inflation ta’ cirka 48% (minn 479.89 ghall 703.88 – Dok. “XX1”.

Illi peress li Kristinu Abela kellu 32 sena meta miet dan l-ammont ghandu jigi suggett ghall-*multiplier* ta’ 25 sena u mir-rizultat ta’ l-istess ma ghandu jsir ebda tnaqqis minhabba d-*degree of dependency* ghax l-atturi Beverly Marie u Christian huma ulied id-*decujus,*(**“Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et”** – P. A. (TM) – 28 ta’ April 2005) izda minn tali ammont jitnaqqas dak l-ammont indikat ghal *self consumption* ta’ 25% u b’hekk ir-rizultat ta’ l-istess jammonta ghas-segwenti:-

€1,084.18 x 25 x 75% = €196,540.88
(Lm4,500 x 25 x 75% = Lm 84,375)

Illi ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment* u dan minhabba li l-incident in kwistjoni ilu li gara mis-sena 1994 u l-kawza infethet fid-9 ta’ Dicembru 1994 u dan skond dak li gie ritenut fis-sentenzi fil-kawzi **“Gerhard Kruger vs Paul Bondin”** (P.A. (JRM) – 4 ta’ Novembru 2004) u dik fl-ismijiet **“Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et”** (P.A. – 20 ta’ Gunju 2002) fejn inghad li:-

*“Il-Qorti thoss li dan il-persentagg ghandu jonqos bi 2% ghal kull sena li l-kwistjoni ddum ma tigi determinata b’mod li wara ghaxar snin dan it-tnaqqis ma jsehhx"*

Illi ghalhekk it-tieni u tielet talba attrici ghandhom jigu milqguha fl-ammont ta’ €196,540.88 (Lm84,375).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lill-kjamata fil-kawza Ghaqda tal-Ko-Operativa tal-Burdnara (1987) Limited mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Co. Ltd, **tilqa' t-talba attrici** fil-konfront ta' John Abela u l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-kumpanija Sea Malta Company Limited, b'dan illi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta hekk kif llum tinsab rappresentata minn John Abela u l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-istess kumpanija Sea Malta Company Limited unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih tilef hajtu l-imsemmi Kristinu Abela u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-istess incident;

2. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' mija u sitta u disghin elef hames mija u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€196.540.88) [Lm84,375].

3. Konsegwentement tordna u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta hekk kif llum tinsab rappresentata minn John Abela u l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-istess kumpanija Sea Malta Company Limited sabiex ihallsu lill-atturi *in linea* ta' danni l-ammont hekk likwidat ta' mija u sitta u disghin elef hames mija u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€196.540.88) [Lm84,375].

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kjamati fil-kawza kontra l-istess John Abela u l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji tal-istess kumpanija Sea Malta Company Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------